**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Firas Aboul-ezz**

**Kumpilazzjoni 156/2020**

**Illum, 25 ta' Gunju 2025**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Firas Aboul-ezz** ta' 33 sena, iben Gasan u Fadia nee' Sakr imwieled Lebanon fil-25 ta' Lulju 1985 u residenti ġewwa 55, 'Blue Bell Court', Apt 5, Triq ir-Ruzzell, Attard, detentur tal-karta tal-identita' numru 374810L;

**Akkuzat** talli f'dawn il-gzejjer Maltin, f'Ottubru 2018 u fix-xhur u s-snin li jiġu mmedjatament qabel, b'diversi atti maghmulin minnek, ukoll

jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haġa b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar ix ġrajja kimerika, ghamilt qligh b'qerq ta' aktar minn hamest elef Ewro (€5,000), ghad-danni tal-familja Camilleri u/jew persuni ohra;

2. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi bi hsara ta' haddiehor ghamilt xi qligh b'qerq ta' aktar minn hamest elef Ewro (€5,000).

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll ġentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.[1]

Rat il-fedina penali tal-imputat.[2]

---

[1] Folio 1 sa 2 tal-process.

[2] Folio 17 tal-process.

Rat li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuzi mahruga fil-konfront tieghu nhar l-24 ta' April 2020.[3]

Rat l-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali nhar l-11 ta' Ottubru 2021, taht liema tista' tinstab htija fl-imputat[4].

Rat illi fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Novembru 2021 inqraw l-Artikoli u l-Qorti staqsiet lill-imputat jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jibqa' jinstema' sommarjament minn din il-Qorti. Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat li l-kaz jinstema' quddiem din il-Qorti l-kaz tieghu jkompli jinstema' b'mod sommarju liema giet debitament verbalizzata fil-verbal ta' l-istess seduta, konsegwentament il-Qorti irrisolviet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali, dan kollu ai termini tal-Artikolu 370 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Mata.[5]

Rat l-atti kollha tal-kaz.
Semghet ix-xhieda.
Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.
Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-prosekuzzjoni fis-seduta tal-01 ta' April 2025, li rrimettiet ruhha ghall-provi in atti[6].
Semghet is-sottomissjonijiet finali tad-difiza tal-1 ta' April 2025[7].
Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor.**

---

[3] Folio 22 tal-process.

[4] Folio 215 tal-process.

[5] Folio 228 tal-process.

[6] Folio 504 tal-process.

[7] Folio 498 tal-process.

Dan il-kaz jirrigwarda transazzjoni finanzjarja li allegatament sehhet bejn l-imputat u l-parte civile. L-imputat hareg cekk tal-HSBC f'ismu jew ghan-nom ta' Toncam Properties Ltd. favur Ethelbert Camilleri u/jew Garnet Investments Ltd. minhabba li xtara minn ghandhom il-propjeta' numru 55, Bluebell Court, Flat 5, Triq ir-Ruzzell, Attard. Dan ic-cekk jidher li ma giex onorat ghax l-imputat qed jigi allegat li ma kellux flus fil-kont tieghu.

**Ikkunsidrat:**
**Provi:**

Xehed l-i**Spettur Elton Taliana** nhar il-11 ta' Gunju 2020 fejn qal li fl-ahhar ta' Marzu ta' dik is-sena kien ircieva rapport minghand Anthony Norbert Camilleri fejn kien jidher li kien hemm negozju ta' propjeta' bejnu u bejn l-imputat.[8] Camilleri kien qed jidher f'isem Garnet Investments Limited fejn qallu li l-konvenju fuq il-propjeta' kien ilu jigi imgedded u fl-ahhar ta' Lulju 2018 kien skada l-konvenju. Camilleri beda jinsisti ghal somma ta' tletin elf Ewro (€30,000) fuq dak li kien maqbul qabel ghax kien hemm xi finishings zejda. L-imputat kien qabel ma' dan. Fl-1 ta' Ottubru kienu marru ghall-kuntratt u l-imputat ta cekk tal-HSBC lill-parte civile f'isem Domcar Properties ghac-cifra ta' tletin elf Ewro (€30,000) datat 1 ta' Ottubru 2018. Jghid li dan ic-cekk qatt ma issarraf u ghalhekk ittiehdu dawn il-proceduri. L-imputat irrilaxxa stqarrija wara li inghata id-drittijiet spettanti lilu skond il-ligi.

Mistoqsi mill-parte civile meta sar l-istop payment ma kienx jaf iwiegeb. Wara li hareg ic-cekk jidher li l-imputat gibed il-flus mill-kont tieghu. Jghid li ic-cekk mill-ewwel ma ssarrafx.

[8] Folio 66 tal-process.

Kontro-ezaminat jghid li skond il-parte civile l-ammont dovut kien ta' xi xogholijiet li kienu saru fil-fond.[9] Dawn ix-xogholijiet kienu imsemmijin fil-kuntratt. Jghid li dawn il-finishings gew jiswew aktar u ghalhekk intalbet dik is-somma. Jghid li kien hemm ftehim u allura marru direttament ghall-kuntratt. Ma jafx li kien hemm konvenju iehor. Jghid li l-estensjonijiet tal-konvenji kienu bi qbil bejniethom.

Mistoqsi mill-parte civili jghid li l-imputat qatt ma qallu li l-flus mhux dovuti.[10] Hu ammetta li ghandu jaghti l-flus.[11]

Xehed **Amar Sultan** nhar il-11 ta' Gunju 2020 u qal li jaf lill-imputat ghax jahdem fil-lukanda Hugo. Jghid li lill-kuntrattur jafu ghax jikri minn ghandu l-hanut tieghu ta' Paceville.[12] Jghid li ma jafx x' differenza hemm bejn konvenju u kuntratt ghax qatt ma ghamel xejn. Jghid li hu indahal medjatur bejn il-partijiet u qal li l-imputat qallu li kien lest li jhallas tletin elf Ewro (€30,000). Jghid li Camilleri irrabja mieghu ghax haseb li kien mifthiem mal-imputat meta ma ssarrafx ic-cekk. Jghid illi l-imputat qallu li kien lest li jhallas mitt ewro (€100) fix-xahar. Jghid li lill-Franciz ma jafx jekk hallsux. Pero' jahseb li le.

Kontro-ezaminat jichad li hu qatt kien aggressiv mal-imputat. Wara li gie imwissi mill-Qorti li jista' ma jwiegibx il-mistoqsijiet jekk kien ser jinkrimina ruhu hu ghazel li ma jwiegibx.[13]

---

[9] Folio 72 tal-process.

[10] Folio 76 tal-process.

[11] Cekk pprezentat a Folio 79 tal-process datat **1.10.2018** flimkien ma' withdrawal voucher ta' tletin elf Ewro (€30,000) datata **17.10.2018**.

[12] Folio 81 tal-process.

[13] Folio 85 tal-process.

Rega' xehed **Amar Sultan** nhar it-23 ta' Gunju 2020 fejn esebixxa screen shot tal-konversazzjoni ta' bejnu u bejn l-imputat.[14] Jghid li kien kellmu fid-29 ta' Ottubru 2019. Jghid ukoll li kellmu fl-10 ta' Novembru 2018. Jghid li hu kien il-middle man. Jghid li qatt ma kellu negozju ma' Firas. Jghid li r-relazzjoni mal-imputat kienet normali. Jikkonferma li l-imputat qallu li kien lest li jhallas mitt Ewro (€100) fix-xahar u ghal hamsa u ghoxrin (25) sena. Qal li hu nnifsu kien lest li jhallas lil Antoine ghax milli jidher kien ser ikeccieh mill-hanut li kien jikri minn ghandu.

Kontro-ezaminat mill-parte civile jghid li hu jaf lill-imputat mil-lukanda u ghax hu ghandu l-hanut vicin. Jghid li hu kien imur spiss il-lukanda. Meta jghid Antoine qed jirreferi ghal Antoine Camilleri li jirreferi ghalih bhala il-Francis. Qal li l-imputat hareg bil-proposta li ser jaghti mitt Ewro (€100) lilu biex hu imbaghad jaghtihom lill-Franciz. Jghid li l-Franciz ried il-flus minn ghand l-imputat u qallu li hu ma kellu x'jaqsam xejn.

Kontro-ezaminat mid-difiza jaqbel li Camilleri kien qed jahseb li hu komplici mal-imputat u ried jitfghu 'l barra mill-hanut. Jaqbel li qal lill-imputat biex ihallas lil Franciz ghax ha jispicca barra hu. Jghid li hu ma bediex ihossu komdu kemm mal-imputat u lanqas mal-Franciz..

Jghid li n-numru tal-mobile tieghu hu 99000009 u tal-imputat huwa 77136817.

Xehed **Ethelbert Camilleri** nhar it-23 ta' Gunju 2020 u jghid li huwa jinnegozja fil-propjeta' u l-laqam taghhom huwa tal-Franciz.[15] Jispjega n-negozjar u qal li fuq is-sit kienu waqghu ftit lura u li l-imputat kien

---

[14] Folio 89 tal-process.

[15] Folio 106 tal-process.

biddel ix-xoghol u allura ma kellux is-sitt xhur probation. Jghid li l-konvenju gie estiz pero' dati ma jafx. L-estensjonijiet saru fit- 2018. Jghid li l-ahhar estensjoni kienet skadiet u ma semghu xejn minn ghandu. Pero' wara cempillu l-imputat u qallu li xtaq jaghmel il-kuntratt. Qallu li l-konvenju l-ewwel wiehed kien fl-2016 u peress li x-xoghol ghola ma setghux jbieghu bl-istess prezz. Jghid li hu beda jigi ppressat mill-imputat biex isir il-kuntratt.[16] Qal li l-imputat beda jcempel lil Omar u dan beda jcempel lilu biex nirrangawlu. Lill-imputat qalulu li lesti li jbieghu jekk jaghtihom tletin elf Ewro (€30,000) tal-finishings. L-imputat qal li ma riedx isemmi xejn fuq il-finishings fil-kuntratt u fuq it-tletin elf Ewro (€30,000) u hu kien qabel. Jghid li mal-kuntratt tah cekk ta' tletin elf Ewro (€30,000). Jghid li kien il-bank HSBC meta tah ic-cekk u kiteb kollox hu. Jghid li hu kien nizzel l-isem tal-kumpanija. Qal li meta mar isarraf ic-cekk sab li kien stop paid. **Kellu stop payment mhux li ic-cekk ma giex onorat.[17]** Jghid li l-blue skur fuq ic-cekk kitbu hu u nizzel l-isem tal-kumpanija filwaqt li l-blue car kitbu l-imputat. Ic-cekk kien pagabbli lil Toncam Properties. Jghid li mar isarrfu fis-17 ta' Ottubru 2018, jghid li huma gew infurmati li kien hemm stop payment. Qal li hu ipprova jikkuntatja lill-imputat pero' beda jiskartah, jghid li anke mar fejn jahdem l-imputat. Wara kien kellem lil missieru u lil Omar. Jghid li huma fdaw lil Firas bis-sahha ta' Omar. Jghid li huma kienu qed jahsbu li Omar kien komplici mieghu. Huma ma kienux accettaw mitt Ewro (€100) fix-xahar bhala hlas. Omar ried ihallashom huwa pero' huma ma accettawx ghax hu kien ghadda biss kelma ta' gid.

Kontro-ezaminat qal li huma kienu lestew il-finishings qabel ma skada il-konvenju. Jaqbel li huma hargu aktar flus. Jghid li it-tletin elf Ewro

[16] Folio 111 tal-process.

[17] Folio 115 tal-process.

(€30,000) u offrihom u mhux talbuh dik is-somma huma.[18] Jichad li hu proponielu mitt elf Ewro (€100,000). Jikkonferma li l-imputat ma riedx li t-tletin elf Ewro (€30,000) jinzlu fil-kuntratt. Jghid li l-finishings gewhom aktar minn tletin elf Ewro (€30,000). Jghid li meta fthemu ghal kuntratt ftit kien hemm zmien.

Xehed **Anton Camilleri** nhar it-23 ta' Gunju 2020 u jghid li huma jsibuhom bil-laqam tal-Francis u huma kuntratturi, ghandom barriera u anke lukandi. Qal li n-negozju ghamlu ibnu u mhux huwa. Qal li kien cempillu Omar u iltaqa' mieghu u kellu habib tieghu li skadhielu l-konvenju u xtraq xorta jixtri. Qalli li lest li jaghtina tletin elf Ewro (€30,000) tal-finishes.[19] Huma mexxew bin-negozju pero' u kienu ircevew ic-cekk dak in-nhar tal-kuntratt. Ftit wara qalulhom li c-cekk kien sarlu "stop payment". Qal li hu hass li Omar u siehbu tradewh. Qal li hu mar ghand il-pulizija ghax gie iffrodat u l-flus baqghu ma gewx.

Xehed **PC 1146 Andre Cilia** u qal li hu ezegwixxa l-mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat.[20]

Xehed **Ethelbert Camilleri** nhar it-23 ta' Settembru 2020 li esebixxa kopja tal-konvenju u l-estensjonijiet tieghu. Ezebixxa ukoll kopja tal-kuntratt ta' bejgh datat 1 ta' Ottubru 2018 u koppja taz-zewg cekkijiet mahruga mill-HSBC[21], kif ukoll kopja ta' cekk li huwa l-mertu tal-vertenza.[22]

---

[18] Folio 121 tal-process.

[19] Folio 125 tal-process.

[20] Folio 138 tal-process.

[21] Folio 140 tal-process.

[22] Folio 174 tal-process. '**17/10/18 Payment countermanded**' imnizzel fuq ic-cekk.

Xehed in-**Nutar Aryton Buhagiar** nhar l-14 ta' Ottubru 2020 fejn qal li kien sar konvenju bejn il-partijiet u gie estiz xi tlett (3) darbiet. Jghid li l-appuntament tal-bank sar ghal 1 ta' Ottubru. Jghid li ma jaf bl-ebda ftehim barra dak stipulat fil-konvenju.[23]

Xehdet **Audrey Ghigo** in rapprezentanza tal-bank HSBC Malta p.l.c., nhar it-3 ta' Frar 2021. Tghid li fuq il-kont 061217758001 inhargu zewg stop payments. Wiehed fil-15 ta' Gunju 2017 u **wiehed fl-1 ta' Ottubru 2018 through internet banking**. Dan kien fuq cekk 199[24] **Tikkonferma folio 79 tal-process u tghid li fuq dan ic-cekk sar l-istop payment wara li l-klijent jkun dahal fuq l-internet banking u ghamel l-istop paymant'**.[25] Tikkonferma li l-kont jghajjat lill-imputat.

Xehdet **Ethelbert Camilleri** nhar il-15 ta' Gunju 2022 fejn qal li huwa jahdem ma' Tomacam Properties. Jghid li hu iffirma konvenju wiehed u numru ta' estensjonijiet. Jikkonferma d-dokumenti li gie muri. Jghid li Amar kien cempillu biex jara jekk jistax jghin lill-imputat.[26] Jikkonferma li kien prezenti ghall-kuntratt li sar l-HSBC. Jghid li l-ammont ma tnizzilx ghax kien fuq xogholijiet u qal li ma inghatatx ircevuta ghax ic-cekk ma ssarrafx. Qal li l-flus thallsu ghax kien hemm zieda fil-prezz tal-materjal. L-imputat ma kienx gie fil-hin ghall-kuntratt imma huma kienu lestew x-xoghol fil-hin. Hu jispjega fid-dettal kif saru l-estensjonijiet u qal li wara li skadiet l-ahhar estensjoni kien hemm il-qbil fuq it-tletin elf Ewro (€30,000).[27]

---

[23] Folio 181 tal-process.

[24] Folio 193 tal-process.

[25] Folio 194 tal-process

[26] Folio 249 tal-process.

[27] Folio 254 tal-process.

Xehdet **Lorraine Attard** nhar l-24 ta' Gunju 2024 fejn ikkonfermat folio 79 tal-process u qalet li sar stop payment fuqu. Tghid li dan ic-cekk kien ser jigi depozitat il-Bank of Valletta. Tispjega li l-HSBC ma onarax ic-cekk u baghtu lura lill-BOV.[28] Tghid li l-flus kienu ser johorgu mill-HSBC. Tghid li f'dan il-kaz lanqas biss ipprova jissarraf mill-kont peress li kien sar stop payment. Tghid li sar stop payment mill-internet banking u dan ghamlu min hareg ic-cekk.[29]

Xehed **Chris Micallef** nhar l-10 ta' April 2024 u jghid li c-cekk 199 **issarraf fit- 18 ta' Ottubru 2018** u kien ta' ammont ta' tletin elf Ewro (€30,000).[30] Jghid li c-cekk kien pagabbli lil Toncam Properties Ltd. u dak iz-zmien seta' jigi iggirat.

Xehed **Adrian Tanti** ghal HSBC nhar id-19 ta' Frar 2025 li ipprezenta statement fuq il-kont 061217758001 f' isem l-imputat. Jghid li l-bilanc fl-1 ta' Ottubru 2028 kien ta' hamsa u ghoxrin elf u sitt mija u wiehed u dighin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€25,691.93c). Jghid li c-cekk ta' tletin elf Ewro (€30,000) kien hargu u kien sar stop payment fuqu. Jghid li **end of day il-bilanc fl-1 ta' Ottubru 2018 kien ta' tletin elf u sitt mija u tletin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€30,630.93c)[31].**

**Ikkunsidrat:**

---

[28] Folio 380 tal-process.

[29] Folio 381 tal-process.

[30] Folio 385 tal-process.

[31] Folio 468 tal-process. **Il-Qorti tinnota li fit-18 ta' Ottubru 2018 il-bilanc kien ta' Ewro 25,973.06c u l-ammont lahaq is-somma ta' tletin elf Ewro sitt mija u tletin Ewro u tlieta u disghin centezmu it-Ewro 30,630.93 f'jum wiehed biss u cioe fl-01 t'Ottubru 2018 a folio 472 tal-process. Il-Qorti pero tinnota li fit-02 t'Ottubru 2018 gie imsarraf cekk fl-ammont ta' hamest'elef Ewro (€5,000) u ghalhekk il-bilanc immedjatament rega' nizel ghal hamsa u ghoxrin elf u sitt mija u hmistax -il Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€25,615.43).**

L-Avukat Generali qed jakkuza lill-imputat taht l-artikoli 17, 18, 23, 23B, 31, 308, 310(1)(a), u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta[32].

L-imputat qed jigi akkuzat principarjament taht l-artikoli 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kodici Kriminali li jaqraw is-segwenti:

**308. Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor,jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin.**

**309. Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tkun ta' priġunerija minn xahrejn sa sentejn jew il-multa.**

**Ikkunsidrat:**
Il-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Onorevoli Imhallef Vincent De Gaetano fil-kawza **Il-Pulizija vs Emmanuele Ellul** deciza fl-20 ta' Gunju 1997 li kien jitratta ukoll cheque '*referred to drawer*' qalet is-segwenti:

***Fil-ligi taghna, element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scena, cjoe' dawk l-'artifizi' jew 'raggiri' idonei li jinducu, u li effettivament ikunu inducew, lill-vittma fi zball – l-ingann- u li b' konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew***

[32] Folio 215 tal-process.

*tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent.*

*Il-ligi taghna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cjoe, li dawn l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkitettata b'hafna pjanijiet, in fatti l-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjonijiet ta' meta persuna b' kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x'tifhem li ghandha flus meta m'ghandhiex. Meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu ragonevolment kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak ic-cekk jista' jigi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'wahda mill-forom ikkontemplati fil-ligi taghna.*

*Element essenzjali iehor tar-reat ta' truffa huwa t-telf patrimonjali li ggarrab il-vittma bil-konsegwenti qliegh ghall-agent, liema telf u qligh ikunu r-rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel l-vittma ghax tkun giet ingannata. In fatti t-truffa komunement tigi mqabbla mas-serq u ma' l-approprjazzjoni indebita, bid-differenza bejn it-tliet reati konsistenti fil-mod ta' kif isir it-telf u l-korrispondenti qligh.*

*Din il-Qorti sejra tqis il-gurisprudenza dwar meta cekkijiet li ma jkunux jistghu jigu onorati jammontaw ghar-reat taht l-artikolu 308 jew taht l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija kontra Philip Petroni'[33] il-Qorti ikkunsidrat li: 'Kif inghad, f'dan il-kaz il-qerq konsistenti fil-hrug taz-zewg cekkijiet li ma setghux jissarfu b'ebda mod ma wassal lis-socjeta' P. Cutajar & Co. Ltd. biex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li*

[33] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Marzu, 1999 (Appell Numru 215/98, 217/98).

***gabitilha telf bil-konsegwenti arrikkiment tal-appellant Petroni. Ghalhekk anqas ma jikkonfigura r-reat ta' lukru frawdolent innominat kontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti fl-ahharnett tosserva li qed jigu spiss quddiemha kazijiet fejn jidher li l-pulizija qed tipprocedi kontra dak li jkun fuq akkuza ta' frodi fuq l-insistenza tal-avukat jew avukati tal-allegat vittma meta ezami oggettiv u spassjonat tal-fatti ghandu juri li l-kaz ikun wiehed purament civili jew kummercjali u mhux ta' natura penali. Il-pulizija ghandha, ghalhekk, qabel ma tmexxi f'kazijiet bhal dawn tezamina sew il-fatti biex tara jekk verament jikkonkorrux l-elementi kollha tar-reat ipotizzat u mhux tissokkombi ghall-pressjonijiet li jsirulha mill-avukati, ghax altrimenti jista' jigri li l-proceduri penali jibdew jintuzaw bhala forma ta' pressjoni jekk mhux addirittura ta' rikatt fuq dak li jkun biex ifittex ihallas id debitu civili jew kummercjali li jkollu ma' terzi. Hu appena necessarju jinghad li l-proceduri penali ma ghandhom qatt jigu strumentalizzati ghal dan il-fini.'***

Il-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta mill-Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Jonathan Ferris) vs Josef Grech** (App. Nru. 159/2015) deciza fil-21 ta' Lulju 2020 ghamlet rassenja ta' kazijiet li kienu jittrattaw truffa b'cekkijiet:

***Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija Spettur Maurice Curmi kontra Anthony Scicluna'[34] gie kkunsidrat li: 'Illi din il-Qorti qed taghmel riferenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl ismijiet "Pul. V. Simon Baldacchino Barthet" deciza fit-13 ta' Novembru, 2008, fejn il-fatti ta' dak il-kaz kienu simili hafna ghall-kaz in esami. Dik il-Qorti, fis-sentenza indikata, qalet hekk:***

---

[34] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-16 ta' April, 2009 (Numru: 1464/2007).

*"Illi f'materja ta' emissjoni ta' cheques li sussegwentement ma jigux onorati mill-Bank li fuqu jkunu inhargu, l-gurisprudenza nostrana esprimiet ruha f'diversi sentenzi. Hekk, f'cirkostanzi analogi din il-Qorti diversament preseduta addirittura rriteniet li jkun hemm ir-reat ta' truffa meta jigi emess cheque li ma jigix onorat mill-bank anki meta precedentement il-kwerelant gja jkun kellu problemi biex isarraf cheques tal-kwerelat u tali sitwazzjoni b'ebda mod ma tkun tfisser li bejjiegh ikun dispost li jikkonsenja merkanizija "on account". Anki fejn imbaghad wara l-appellant ikun hallas, dana xorta wahda ma jfissirx li t-truffa ma tkunx saret . ("Il-Pulizija vs. Olaf Cini" [21.6.2002]).***

***Fil-kawza: "Il-Pulizija vs. Franco Farrugia , (App. Krim. [7.2.1985] Vol. LXIX. P596), gie ritenut li:- "Il-hrug ta' cheque fuq kont bla flus, jista' jkun proprju l-mezz tal-ingann adoperat biex jinduci lil dak li jkun sabiex jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li ggiblu telf patrimonjali, bil-konsegwenti gwadann ghall-agent"***

***Fil-kawza: "Il-Pulizija vs. Emmanuel Ellul", App. Krim. [20.6.1997] gie ritenut li:- "Il-ligi taghna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cioe' li dawn l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga komplikata jew arkitetta b' hafna pjanijiet; in fatti l-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjonijiet ta' meta persuna b'kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x' tifhem li ghandha flus meta m'ghandhiex. Meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak ic-cekk jista' jigi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'wahda mill-forom ikkontemplati fil-ligi taghna." Hu veru li fil-kaz ta' Ellul il-Qorti lliberat mill-akkuza ta' truffa ghax bil-fatt li l-appellant kien baghat cheque lil VAT Department u dan ma ssarrafx, ma setax jinghid li l-qerq tieghu – il-hrug tac-cheque fuq kont vojt – incida (jew seta' jincidi) fuq id-Dipartiment b'mod li dak***

*id-Dipartiment jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga li jgib it-telf u l-qliegh imsemmi. Imma l-kaz prezenti hu ghal kollox differenti ghax, minnhabba l-hrug tac-cheques, l-appellant materjalment akkwista l-konsenji tal-merkanzija ghad-dannu patrimonjali ta' min ma kienx jeffettwa tali konsenja jekk mhux versu l-korrispettiv tal-prezz. (ara ukoll : "Police vs. Anthony Francis Willoughby" App. Krim. [12.2.1999], "Il-Pulizja vs. Daniel Frendo" App. Krim. [5.3.1994] u l-"Il-Pulizija vs. Carmel Cassar Parnis" App. Krim. [2.12.1959] ).*

*Illi imbaghad, ghall-kull buon fini, jissemma ukoll dak li gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-appell "Il-Pulizija vs. Francis Debono" [8.10.1992] li jkun hemm it-tielet element tar-reat ta' truffa w cioe' dak tal-qliegh bi hsara ta' haddiehor anki fejn kienu gew emessi zewg cheques bl-intiza bejn l-emittent u r-ricevitur tac-cheques li kellhom ikunu "post-dated", meta wiehed minnhom sussegwentement ma ssarrafx fid-data li suppost ikollu jissarraf fiha. Fil-kaz ta' Debono pero' din il-Qorti kienet laqghet l-appell u rrevokat decizjoni ta' htija ta' truffa ghaliex, fil-waqt li qed johrog ic-cheque, l-emittent Debono kien wera bic-car li c-cheque x'aktarx mhux ser ikun possibbli li jissarraf fid-data vicina li kien qed jinsisti ghaliha l-kreditur f'dak il-kaz hu kien qal lill-kreditur li kien qed jaghfsu hafna bl-insistenza tieghu ghal dak ic-cheque. Ghalhekk il-Qorti rriteniet li f'dak il-kaz il-kreditur kellu ragonevolment jifhem li kien hemm aktar minn possibilita' li c-cheque li kien insista ghalih hu ma kienx ser jissarraf u ghalhekk kien karenti l-element tal-mens rea. Illi f'dan il-kaz, ma hemmx dubju li kien hemm l-element tat-telf patrimonjali, ghaliex id ditta Meli Bugeja Limited telqet minn idejha merkanzija li ma kienetx preparata li titlaq kieku ma kienx ghal fatt li minn ghaliha bic-cheques in kwistjoni kienet ser tithallas kemm ghall prezz tal-istess merkanzija kif ukoll il-profitt legittimu taghha. Dan it-telf*

*patrimonjali kien zgur jissussisti fil-mument tal-konsumazzjoni tar-reat u cioe' meta, biex jakkwista l-konsenja tal-merkanzija, l-appellant emetta cheques li kien jaf li ma setghux jissarrfu w fil fatt baqghu ma ssarrfux. Lanqas ma rrizulta bhal ma rrizulta fil-kaz ta' Debono, li l-appellant , meta emmetta l-post dated cheques, kien b'xi mod nebbah lill-Diego Attard - li kien qed jagixxi ghan-nom ta' Meli Bugeja Limited - li kien hemm xi biza' jew perikolu li c-cheques setghu ma jigux onorati. Hu minnu li f'dan il-kaz l-Ewwel Qorti ma sabitx htija taht l-artikolu 308, imma dan ghamlitu mhux ghax ma kienx hemm il-qerq biex minnu jsir il-qliegh, imma ghax dan il-qerq ma kienx akkompanjat mill-messa in scena li hi element indispensabbli biex tinstab htija tar reat ta' truffa kontemplat f'dak l-artikolu. Pero' dan ma jfissirx li ma jissussistix ir-reat kompriz u involut ta' frodi innominata skond l-artikolu 309 u ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall konkluzzjoni li waslet ghaliha li fil-waqt li lliberat mill-akkuza ta' truffa, sabet htija tal-frodi innominata.".*

*Illi fil-kaz li ghandha quddiemha llum il-Qorti, ic-cirkostanzi huma kwazi identici ghal dawk indikati fis-sentenza ghawn fuq imsemmija. L-imputat ta' l-anqas messu kien jaf li c-cekkijiet tieghu ma setghux jissarrfu, kif jidher car mil-"bank statement" tal-kont tieghu ghall-perijodu indikat. Inoltre assolutament ma jaghmilx sens li l-imputat ighid fl- istqarrija tieghu li hu kellu flus fil-kont bankarju, jew li kellu fondi izda nesa jiddepositahom fl-istess kont (vide Folio 20 tal-process), imbaghad fix-xiehda tieghu (a Folio 118) ighid li hu tahom ic-cekkijiet bi ftehim li jhallas bi flus "cash" in kambju tal-istess cekkijiet, bhal li kieku ic-cekkijiet kienu forma ta' kambjala jew "promissory note" ghal hlas. Bid-dovut rispett, il-Qorti ma tarax li dawn il-verzjonijiet tal-imputat jaghmlu sens, anzi huma kontradittorji ghal xulxin. Ghalhekk, apparti li dawn iz-zewg verzjonijiet moghtija minnu m'humiex ikkorroborati minn ebda provi ohra, huma*

*inverosimili u inaqqsu l-kredibilita' tal-imputat. In konkluzjoni, ghalhekk, jirrizulta li l-imputat ghamel qligh a dannu tas-socjeta' Intercomp billi hareg cekkijiet li ma setghux jissarrfu, in kambju ta' merkanzija konsistenti fi "computers" u "points of sale", ghall-uzu fl-istabbiliment kummercjali proprjeta' tieghu. B'hekk l-element ta' telf patrimonjali soffert minn Intercomp irrisulta wkoll. Dan jinkwadra ruhu fir-reat ta' qligh b'eghmil qarrieqi, jew frodi innominat, skond l-Artikolu 309 tal-Kap 9. Ma rrisultax li dan ir-reat kien akkompanjat mill-messa in xena rikjest biex jiskatta r-reat skond l-Artikolu 308, u ghalhekk il-Qorti ser tiddikjara lill-imputat hati tar-reat ai termini tal-Artikolu 309 biss, u tapplika l-piena idoneja skond id- disposizzjonijiet tal-Artikolu 310 tal-Kap 9.'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Olaf Cini'[35] gie kkunsidrat: 'It-tielet aggravju tal-appellant hu li t-truffa fir-rigward tal-istabbiliment 3K Supermarket ma gietx pruvata. L-appellant bazikament jikkontendi li ma kienx hemm prova li sid l-istabbiliment, Louis Sargent -- li lilu nghata c-cekk meta l-appellant ghamel xirja groceries -- ma kienx dispost li jaghti l-groceries bid-dejn lill-appellant u li dan ihallsu imbghad wara, kif effettivament ghamel. Dana l-aggravju wkoll jirrazenta l-. Hu evidenti mill-provi li l imsemmi Sargent ta l-groceries lill-appellant ghax dan hallas, ossia kien jidher li qed ihallas, permezz tac-cekk (li in segwitu ma giex onorat mill- bank ghax ma kienx hemm flus fih). Fi kliem iehor, minhabba r-raggiri jew artifizji ta' l-appellant kien hemm il-konsenja ta' l-oggetti bil-konsegwenti telf patrimonjali ta' Sargent u l-qligh tal-appellant – konsistenti fit-tehid tal-groceries. Kuntrarjament ghal dak sottomess mid-difensura tal-appellant quddiem din il-Qorti, l-ewwel qorti applikat b'mod ineccepibbli d-dottrina in tema ta' truffa u ta' frodi innominata kif enuncjata minn*

[35] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Gunju, 2002 (Appell Numru: 64/2002)

***din il-Qorti fis-sentenzi Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby[36] u Il-Pulizija v. Philip Petroni tat-12 ta' Frar, 1999 u 16 ta' Marzu, 1999 rispettivament. Ma hemm xejn fid-deposizzjoni ta' Louis Sargent (Folio 43-47) li tindika, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dana kien lest li jaccetta cekk fazull biex jitlaq il- groceries minn idejh, basta li jithallas f'xi zmien wara. Il-fatt li dana Sargent gieli precedentement kellu problemi b'cekkijiet tal-appellant – fis-sens li dawna ma jigux onorati mill-bank, pero` l-appellant effettivement jispicca jhallsu – b'ebda mod ma jfisser li fl-okkazzjoni partikolari meritu ta' din il-kawza huwa kien dispost li jikkonsenja l-groceries "on account". Veru li l-appellant in segwitu hallsu; pero` dana l-fatt ma jfissirx li t-truffa ma tkunx saret – ifisser li jkun hemm lok ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 337 tal-Kodici Kriminali f'kaz li l-hsara tigi rimedjata qabel ma tibda titmexxa ebda procedura kriminali. Ghalhekk dana l-aggravju qieghed jigi respint.'***

***F'sentenza ohra ukoll fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Olaf Cini' gie meqjus: 'Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, jidher, pero` mid-deposizzjoni ta' Moira Gauci Maistre (Folio 51 et seq., u specjalment a Folio 54) li dana c-cekk ta' Lm270 kien ikopri zewg bookings: wiehed ta' xoghol ta' l-"Energy" li kien diga sar qabel ma nhareg ic-cekk (Folio 52), u l-iehor in konnessjoni ma' photographic session ghas-socjeta` "Mother and Child", liema photographic session, pero`, baqghet ma saritx (u ghalhekk ma jidhrix li ghaliha kien dovut xi pagament lil Lipstick Modelling School (jew Lipstick Model Agency kif inhi xi minn daqqiet indikata fl-atti)) – ara d-deposizzjoni ta' l-imsemmija Gauci Maistre a Folio 53. Ghalhekk, apparti konsiderazzjonijiet ohra li din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tidhol fihom, ma jistax jinghad li bil-hrug tac-cekk falsifikat ta' Lm270 lill-iskola jew agenzija msemmija l-appellant inkorra fir-reat ta' truffa jew ta' frodi innominata. Ghandu***

[36] Deciza mill-Qorti tal-Appell Krimininali fit-12 ta' Frar, 1999 (Appell Numru: 229/98)

*jinghad, pero` -- u dan qed jigi precisat in konnessjoni l-aktar mat-tieni aggravju -- li mis-sentenza appellata jirrisultaw kemm truffa fil-konfront tas-socjeta` Mincott Company Limited, kif ukoll frodi innominata fil-konfront tas-Selmun Palace Hotel.'*

**.........................................................................................................**

*Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby'*[37] *gie kkunsidrat li:*

*'Fil-parti finali tas-sentenza taghha l-ewwel qorti, pero', kompliet tghid hekk: "Illi l-fatt hu illi l-imputat iffirma cheque favur Jane Borg fl-ammont ta' tlett elef u hames mitt lira maltin (Lm3,500), hija x'inhija r-raguni li nhareg dan ic-cheque. Cheque huwa 'a promise to pay' fil-ligi u ghalhekk Jane Borg kienet fid-drittijiet taghha illi tipprezenta dan ic-cheque ghall-pagament, kien x'kien il-ftehim bejn binha u l-imputat, u dan il-ghaliex ic-cheque kien indirizzat lilha. "Illi hija pprezentat dan ic-cheque diversi drabi ghall-pagament u dejjem gie 'referred to drawer'. Interessanti wiehed jara illi meta hareg dan ic-cheque, l-account tal-imputat kien 'unfunded'. "Ghaldaqstant din il-Qorti qed issib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi lilu addebitati" (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, din il-Qorti b'ebda mod ma tista' taqbel mal-konkluzzjoni milhuqa minn dik il-qorti. Apparti li ma hemmx prova tad-data meta inhareg ic cheque in kwistjoni, mhux kull cheque li ma jigix onorat mill-bank necessarjament jammonta ghar-reat ta' truffa (Artikolu 308, Kap. 9) jew ghar-reat minuri, izda kompriz u involut f'dak ta' truffa, ta' lukru frawdolent innominat (Art. 309); u dan hu hekk anke jekk kemm-il darba jirrisulta li meta*

---

[37] Deciza mill-Qorti tal-Appell Krimininali fit-12 ta' Frar, 1999 (Appell Numru: 229/98)

***inhareg ic-cheque, jew meta kellu jigi msarraf, min hargu kien jaf li ma hemmx flus fil-kont relattiv. Kif tajjeb osservat il-Qorti Kriminali, kolleggjalment komposta, fis-sentenza tad-29 ta' Novembru, 1922 fl-ismijiet Sua Maesta' il Re v. Antonio Demicoli ed., 'mhux kull forma ta' lokupletazjoni ossia arrikkiment maghmul a dannu ta' haddiehor tammonta ghal frodi fis-sens tal-ligi penali. Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.IV.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'"raggiri o artifizi" -- dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene -- ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, Il Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.IV.1137; Il Pulizija v. Francesca Caruana, App. Krim. 25/7/53, Vol. XXXVII.IV.1127; ara wkoll Il Pulizija v. Giuseppe Schrainer, App. Krim., 3/3/56). Naturalment, il-hrug ta' cheque fuq kont bla flus jista' jkun propju l-mezz ta' ingann adoperat biex jinduci lil dak li jkun sabiex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga li ggiblu telf patrimonjali bil-konsegwenti gwadann ghall-agent (Il-Pulizija v. Francis sive Franco Farrugia, App. Krim., 7/2/85, Vol. LXIX.V.596).'***

**Ikkunsidrat:**

Illi s-sekwenza tal-fatti li tohrog mill-atti processwali hija is-segwenti:

1. Ethelbert Cammilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' '**Toncam Properties Ltd**' **C20016** dahal f'konvenju mal-imputat u martu;[38]
2. Dan il-konvenju gie estiz ghal diversi drabi bl-ahhar estensjoni saret sat-28 ta' Settembru 2018;[39] Il-Qorti tinnota li dawn l-estensjonijiet pero' kienu ma' '**Garnet Investments Limited (C25475)**' li ukoll kienet qed tigi rapprezentata minn Ethelbert Camilleri;
3. Fl-1 ta' Ottubru 2018 sar il-kuntratt ta' bejgh bejn il-partijiet ossija Ethelbert Camilleri a nom u in rapprezentanza ta' Garnet Investments Limited C 25475 u l-imputat u martu;[40]
4. Jidher li l-imputat u l-parte civile kienu ftehmu li l-imputat kellu jghaddi tletin elf Ewro (€30,000) lill-parti l-ohra apparti dak mifthiem fil-konvenju bhala hlas ta' spejjez addizzjonali ghall-irfinar u tlestija tal-fond mixtri;
5. Jidher li fl-1 ta' Ottubru 2018 l-imputat ghadda cekk mimli, fejn il-payee thalla vojt. Jidher li l-payee imlieh Adelbert Camilleri fejn nizzel 'Toncam Properties Ltd';
6. Jidher li fl-1 ta' Ottubru 2018 kien hemm il-flus fil-kont bankarju tal-imputat;
7. Jirrizulta ukoll **li malli l-imputat ghadda c-cekk lill-parte civile, ossija dak in-nhar stess, l-imputat tramite l-internet banking ghamel stop payment fuq l-istess cekk**;
8. Ir-rapprezentat tal-Bank of Valletta jghid li ic-cekk kien imsarraf u jghid li dak iz-zmien kull cekk seta jigi iggirat;

[38] Folio 143 tal-process.

[39] Folio 149 sa 152 tal-process.

[40] Folio 153 tal-process.

9. Il-parte civile tghid li c-cekk ghalkemm iddepositat gie lura ghax kien hemm stop payment u l-flus regghu hargu mill-kont taghhom, ossija ta' Garnet Investments Ltd.;[41]
10. Il-parte civile ghamel rapport lill-pulizija fuq l-akkadut u ttiehdu passi tramite l-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat:**

Primarjament id-difiza tikkontendi li l-azzjoni tal-prosekuzzjoni ma tistax tirnexxi ghax l-akkuza titkellem fuq familja Camilleri u li familja Camilleri hawn hafna fil-pajjiz. Tikkontendi ukoll li ma hemmx ness bejn il-familja Camilleri u Garnet Investments Limited u/jew Toncam Properties Limited. Tghid li l-kumpanija ghandha entita' guridika differenti mill-persuni li xehdu u l-aqwa prova ta' min jirraprezenta lil min tramite il-Malta Business Registry ma ingabitx.

Il-Qorti ghalkemm taqbel li kumpanija ghandha entita' guridika separata minn dik tal-individwi involuti fiha, l-akkuza numru wiehed issemmi '***ghad-dannu tal-familja Camilleri u/jew persuni ohra***[42]'. Filwaqt li t-tieni akkuza tghid '***bi hsara ta' haddiehor***'[43] Dan ifisser li l-akkuza kif dedotta hija ferm aktar wiesa' minn dak li qed jipprova jargumenta l-abbli avukat difensur u ma tikkoncernax biss lil familja Camilleri ghax l-prosekuzzjoni ziedet 'persuni ohra' u 'haddiehor'. *Zgur li l-kumpaniji rapprezentati mill-missier u l-iben Camilleri jaqghu taht id-definizzjoni ta' 'persuna ohra' u 'haddiehor' in relazzjoni ma' kumpanija jew kumpaniji ukoll.*

[41] Folio 80 tal-process.

[42] Enfasi ta' din il-Qorti.

[43] Enfasi ta' din il-Qorti.

Il-Qorti ukoll tfakkar li Ethelbert Camilleri li xehed diversi drabi f' dawn il-proceduri jidher kemm fil-konvenju originali f'isem Toncam Properties Ltd. kif ukoll fl-estensjonijiet f'isem Garnet Investments Limited kif ukoll fil-kuntratt finali. Barra minn dan din il-Qorti meta tqis l-imgieba ta' dan ix-xhud fuq il-pedana tax-xhieda tishaq li ma ghandHiex ghalfejn tiddubita mill-veracita' ta' dak li qed jghid. Wara kollox anke meta thares lejn l-istqarrija li l-imputat irrilaxxa lill-pulizija li tinsab fl-atti a folio 12 sa 14 fis-sustanza fejn tolqot din il-vertenza jidher li hemm qbil li dan ic-cekk hareg u li ma issarrafx u li l-imputat tah lil Ethelbert Camilleri.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Qorti temmen li mis-sekwenza ta' fatti u l-provi quddiemHa, l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova z-zewg akkuzi migjuba kontra l-imputat. Il-Qorti temmen li Ethelbert Camilleri ghan nom tal-kumpanija/i tieghu kif debitament awtorizzat kien ftihem prezz mal-imputat fl-elfejn u sittax (2016). Dan il-ftehim immaterjalizza ruhu f'konvenju li fil-fatt baqa' jiggedded sat-28 ta' Settembru 2018. F'dik id-data l-konvenju skada minghajr ma gie mgedded. L-imputat kien ghadu jinteressat jixtri. Jidher li fil-frattemp l-ispejjez gholew u ghalkemm Camilleri kien lest li jikkonkludi il-bejgh talab aktar flus. L-imputat jidher li ma riedx u talab ghall-ghajnuna ta' Amar Sultan, konoxxent komuni tal-partijiet. Jidher li Sultan kien jikri hanut minn ghand Camilleri u kien ukoll jiffrekwenta il-lukanda fejn l-imputat kien jahdem general manager. Jidher li bl-intervent ta' Sultan kien hemm qbil li l-bejgh isir jekk l-imputat ihallas tletin elf Ewro aktar (€30,000) aktar lil Camilleri.**

**Fil-fatt il-bejgh sar u l-imputat ghadda cekk bin-numru disgha u disghin (99) fl-ammont ta' tletin elf Ewro (€30,000) mal-kuntratt lil Camilleri u dan datat l-1 ta' Ottubru 2018. Dan ic-cekk imtela mill-**

**imputat hlief ghal parti tal-"payee" li thalliet vojta u li Camilleri ammetta li imlija sussegwentament hu. Jidher ukoll li fl-1 ta' Ottubru 2018 kien hemm dawn it-tletin elf Ewro (€30,000) fil kont PERO' dik il-gurnata STESS l-imputat ghamel stop payment fuq ic-cekk li kien hareg hu stess ftit tas-sieghat qabel bhala parti mill-hlas tal-appartament li issa kien konsenjat lilu minn Camilleri u dan MINGHAJR ma inbidlu ic-cirkostanzi ta' wara l-bejgh u ad insaputa ta' Camilleri, li meta ipprezenta c-cekk lill-Bank of Valletta u dawn baghtuh lill-bank HSBC, liema cekk ma giex onorat mhux biss ghax kien hemm stop payment, imma anke li kieku ma kienx hemm stop payment, u dan ghall-grazzja tal-argument biss, jidher car li t-tletin elf Ewro (€30,000) minn l-ghada stess u cioe mit-02 ta' Ottubru 2018, ma kinux ghadhom disponibbli fil-kont tal-imputat. Il-Qorti ma ghandhiex dubju li l-imputat kien jaf x'cekkijiet hareg, u kien jaf li c-cekk ta' tletin elf Ewro (€30,000) ma kienx se jkun kopert. B'hekk Camilleri u/jew il-kumpanija/i tieghu sofrew telf tas-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000) u dan sal-gurnata tal-lum. U dan ghaliex sal-lum, minkejja t-trapass taz-zmien, l-imputat ghadu ma hallasx dan l-ammont dovut minnu.**

**F'dan l-isfond din il-Qorti temmen li Firas ghamel messa in scena, ikkonvinca lil Amar Sultan li kien dispost ihallas lil Camilleri l-flus li qablu dwarhom u dan Sultan ikkonvinca lil Camilleri li kellu joqghod fuq Firas. Firas imma kien diga' dahhal f'mohhu qabel u waqt il-kuntratt li ma kienx ha jonora il-ftehim, fil-fatt dik il-guranata stess ghamel stop payment fuq ic-cekk numru 99 u b' hekk huwa qatt ma seta' jonora l-ftehim li kien lahaq ma' Camilleri tramite Sultan.**

**Konsegwenza ta' hekk l-imputat ghamel qliegh ta' tletin elf Ewro (€30,000) a spejjez tal-parte civile filwaqt li Camilleri u l-kumpanija/i tieghu ghamlu il-korrispettiv telf.**

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-piena il-Qorti tinnota li l-akkuzi fil-konfront tal-imputat huma ta' natura serja u li l-parte civile ilha tistenna gustizzja mill-1 ta' Ottubru 2018 u li l-imputat ma ghamel l-ebda tentattiv biex jirrimedja s-sitwazzjoni b'hekk tqis li piena ta' prigunerija sospiza hija wahda idoneja tenut kont ukoll li l-flus frodati huma sostanzjali. Dan ukoll sabiex l-imputat ikun f'posizzjoni li jahdem u jhallas lura lill-parte civile dak dovut minnu.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 310, 308 u 309 tal-Kap 9 Kodoci Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **FIRAS ABOUL-EZZ HATI** tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta' sentejn (2) habs li bl-applikazzjoni tal-Artikoli 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' snin[44] minn meta din is-sentenza issir res judicata.

Barra minn dan bis-sahha tal-Artikoli 15A u 28H tal-Kap 9 Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-hati jirrifondi lill-vittma s-somma ta' **ghaxart'elef Ewro (€10,000)[45] b'mod immedjat.** Din l-ordni għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. B'dana illi r-rimanenti ghoxrin elf Ewro (€20,000) ghandhom ukoll jitqiesu bhala dejn civili u jibqa' mhux mittiefes d-dritt tal-parte civile li jirrikorri ghall-qrati civili ordinarji biex jigbor dak dovut jekk ikun il-kaz.

---

[44] 310.(1) Fil-każijiet imsemmija f'dan is-Sub-titolu -(a) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn ħamest elef Ewro (€5000), il-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa disa' snin;

[45] Dan huwa il-massimu taht il-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress li ma inhatru l-ebda perit teknici allura ma hemmx lok li l-Qorti tapplika l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car u semplici l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u x'jigri jekk huwa ma jonorax l-istess inkluz il-konsegwenzi jekk ma jhallasx dak dovut lill-kwerelanti fiz-zmien stipulat kif ukoll jekk fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza jaghmel reat iehor ta' natura volontarja.

Il-Bord jordna li kopja ta' din is-sentenza tigi moghtija minnufih lill-partijiet u li din is-sentenza titpogga immedjatament fuq is-sistema digitali tal-Agenzija ghas-Servizzi tal-Qorti.

Moghtija illum 25 ta' Gunju 2025, fil-bini tal-Qorti, Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur
Magistrat

Annalise Mifsud
Deputat Registratur.